QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT : DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 13 TA' LULJU 2001

Avviz Nru 720/99DM

Formosa Construction Co. Ltd

vs

George Gatt

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta attrici ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' hames mija u hdax – il Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm511.85c0m) prezz ta' ready mix concrete lill-konvenut mibjugh u konsenjat, flimkien mall-imghax mid-data tal-konsenja sal-10 ta' Marzu, 1999, skond il-prospett Dok A oltre l-imghax ulterjuri minn dik id-data sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez – komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Marzu, 1999 – kontra l-konvenut li gie ngunt ghas - subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut George Gatt fejn eccepixxa:

1 Illi d-domanda attrici hija nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont pretiz apparti li huwa nkorrett, mhuwiex dovut mill-eccipjenti;

2 Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba attrici hija preskritta skond il-ligi;

3 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal tal-14 ta' Gunju 2000 fejn id-difensuri tal-konvenut qed jispecifika l-preskrizzjoni eccepita bhala dik tas-sentejn a tenur tal-Artikolu 2149 tal-Kap 16.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-avukati;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ma hemmx kontestazzjoni illi l-konkrit in kwistjoni kien effettivament ikkonsenjat mill-attur lill-konvenut ghall-uzu tieghu stess. Infatti bil-verbal tad-19 ta' Jannar 2000 il-konvenut iddikjara illi l-kunsinna tal-konkrit in kwistjoni effettivament saret fuq istruzzjonijiet tal-konvenut ghandu personalment.

Bit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut issolleva l-preskrizzjoni ta sentejn a tenur tal-Artikolu 2149 tal-kap. 16.

Dan l-artikolu fis-subinciz (a) jiddisponi hekk:

> **2149.** L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn:
> *(*a) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bcejjec ohra tal-bahar, u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xoghlijiet ohra ta' injam, gebel, jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjali li jfornu:

Mill-provi prodotti u anke mit-talba fl-avviz jirrizulta li l-atturi huma specjalizzati fil-produzzjoni ta konkrit li huwa materjal intimament konness mal-bini bil-gebel u jiehdu kuntratti ghall-forniment ta dan il-materjal; inoltre l-kreditu pretiz mill-istess atturi jirreferi ghal kunsinna ta kwantita' ta "ready mix concrete" li kienu ghamlu lill-konvenut.

Ghalhekk l-artikolu citat u l-preskrizzjoni ta sentejn hemm kontemplata huma applikabbli ghall-kaz in ezami.

Mid-deposizzjoni ta Etienne Formosa jirrizulta li l-kunsinna in kwistjoni kienet saret fl-14 ta Jannar 1997 u li l-konvenut mill-bidu nett ikkontenda li ma kienx tenut li jhallas huwa personalment u infatti qatt ma ghamel xi pagament akkont.

Ghalhekk, sakemm ma kienetx saret xi interuzzjoni tal-perijodu preskrittiv, l-azzjoni attrici kienet lahqet waqghet fl-14 ta Jannar 1999 u l-ittra ufficjali tal-11 ta Marzu 1999 kienet tardiva ghal finijiet tal-interuzzjoni tal-preskrizzjoni.

Mill-provi ma tirrizulta ebda interuzzjoni tal-perijodu ta' preskrizzjoni; anzi l-konvenut sa mill-bidu sosstna li huwa personalment (kif gie citat) m'ghandhu jghati xejn lill-atturi u minn dejjem ippretenda li l-prezz tal-kunsinna in kwistjoni kien debitu ta terzi.

Ghaldaqstant tilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra l-atturi.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep Reg
Civ28